

32005R1679

15.10.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 271/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1679/2005**tas-6 ta' Ottubru 2005****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2075/92 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li r-Regolament (KEE) Nru 2075/92/KE jiġi emendat kif meħtieġ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

*Artikolu 1*Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 ġie emendat kif ġej:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Billi:

"Artikolu 1(1) It-Titoli I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 ⁽³⁾ jistabbilixxu sistema ta' premium kif ukoll sistema ta' limitazzjoni ta' produzzjoni għall-produzzjoni tat-tabakk.

L-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat għandu jkopri t-tabakk mhux ipproċessat jew mhux maħdum u l-iskart mit-tabakk li jaqa' taħt l-intestatura CN 2401.";

(2) L-Artikolu 152 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽⁴⁾, li stabbilixxa regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, jipprevedi t-tħassir tat-Titoli I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 mill-1 ta' Jannar 2005 iżda jispeċifika li huma għandhom ikompli japplikaw fir-rigward tal-ħsad ta' l-2005. L-iskema ta' premium u l-iskema ta' limitazzjoni ta' produzzjoni previsti fir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 jiskadu mat-tmiem tal-ħsad ta' l-2005.

(2) L-Artikoli 2, 12, 19, 25, 26 u 27 u l-Anness għandhom jitħassru.

(3) Konsegwentement numru ta' Artikoli tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 m'għadhomx jintużaw u għandhom jitħassru għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza legali.

(3) Fl-Artikolu 13(2), il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) miżuri speċifiċi biex jgħinu lill-koltivaturi tat-tabakk jaqilbu għal għelejjel oħrajn jew attivitajiet ekonomiċi oħrajn li jgħinu l-impieg u l-istudji dwar il-possibbiltajiet għal koltivaturi tat-tabakk biex jagħmlu dan.";

(4) L-Artikolu 14 għandu jitħassar.

(5) L-Artikolu 14a għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14a

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13 skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23.";

(1) Opinjoni mogħtija fis-6 ta' Settembru 2005 (Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) Opinjoni mogħtija fit-28 ta' Settembru 2005 (Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(3) ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70. Ir-Regolament kif emdat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2319/2003 (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 17).

(4) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

(6) L-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 2

"Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa biex tiġi żgurata u vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar it-tabakk mhux ipproċessat.

2. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23."

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1), (2) u (6) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-maniġġar u l-kontroll tas-sistema ta' premium għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward tal-ħsad ta' l-2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 6 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
A. DARLING
